

Dispożittiv

- (1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk ta' ClientEarth, tal-European Federation for Transport and Environment (T&E), tal-European Environmental Bureau (EEB) u ta' BirdLife International.

(¹) ĠU C 134, 22.05.2010.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2011 — ClientEarth et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-449/10) (¹)

(“Access għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Rifjut impliċitu ta' aċċess — Interess ġuridiku — Deċiżjoni espliċita adottata wara l-preżentata tar-rikors — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2012/C 6/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ClientEarth (Londra, ir-Renju Unit); European Federation for Transport and Environment (T&E) (Brussell, il-Belġju); European Environmental Bureau (EEB) (Brussell); u BirdLife International (Brussell) (rappreżentanti: S. Hockman, QC, u P. Kirch, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herrmann u C. ten Dam, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2010, li tirrifjuta l-aċċess għal ċerti dokumenti li jikkonċernaw abbozzi ta' rapport li jistudja l-effett fuq l-ambjent u l-kummerċ dinji tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-bijokarburanti.

Dispożittiv

- (1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk ta' ClientEarth, tal-European Federation for Transport and Environment (T&E), tal-European Environmental Bureau (EEB) u ta' BirdLife International.

(¹) ĠU C 346, 18.12.2010

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2011 — Glaxo Group vs UASI — Farmodiética (ADVANCE)

(Kawża T-243/11) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Rappreżentazzjoni tar-rikorrenti minn avukat li ma għandux il-kwalità ta' parti terza — Inammissibilità”)

(2012/C 6/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Glaxo Group Ltd (Greenford, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: O. Benito u C. Mansell, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Partijiet oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Farmodiética — Cosmética, Dietética e Produtos Farmacêuticos, L^{da} (Estanda de S.Marcos, il-Portugall)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Frar 2011 (Każ R 665/2010-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Farmodiética — Cosmética, Dietética e Produtos Farmacêuticos, L^{da} u Glaxo Group Ltd.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- (2) Glaxo Group Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 194, 02.07.2011.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2011 — Spectrum Brands (UK) vs UASI — Philips (STEAM GLIDE)

(Kawża T-544/11)

(2012/C 6/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Spectrum Brands (UK) Ltd (Manchester, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Malynicz, Barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Koninklijke Philips Electronics NV (Eindhoven, il-Pajjiżi l-Baxxi)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni mogħtija, fl-14 ta' Lulju 2011, mill-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) fil-Każ R 1289/2010-1 u

— tikkundanna lill-konvenut u lill-parti l-oħra fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell ibatu l-ispejjeż tagħhom u dawk sostnuti mir-rikorrenti

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark verbali "STEAM GLIDE", għal prodotti fil-klassi 9 — rreġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 5167382

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: il-parti l-oħra fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell ressqet talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità abbażi tal-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, moqri flimkien mar-raġunijiet assoluti għal rifjut tal-Artikolu 7(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni kkontestata u r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja annullati

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell wettaq evalwazzjoni żbaljata fir-rigward tas-sens u tas-sintassi tat-trade mark u tal-elementi kostituttivi tagħha, kif ukoll tal-eventwali kapaċità sabiex din tkun terminu li jiddeskrivi l-prodotti inkwistjoni b'mod immedjat u dirett. Barra minn hekk, il-Bord tal-Appell ma kkunsidrax l-interess ġenerali li fuqu huwa bbażat l-Artikolu 7(1)(c), tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja. Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell ma kkunsidrax il-funzjoni essenzjali tat-trade mark, ma eżaminax il-perspettiva tal-konsu-

matur medju, ma eżaminax la l-Artikolu 7(1)(b), indipendentement mill-Artikolu 7(1)(c), u lanqas l-interess ġenerali li fuqu huwa bbażat l-Artikolu 7(1)(b), tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja u naqas milli janalizza t-trade mark fl-intier tagħha.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2011 — MIP Metro vs UASI — Real Seguros (real,- QUALITY)

(Kawża T-548/11)

(2012/C 6/34)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG (Düsseldorf, Il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Plate u R. Kaase, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Real Seguros, SA (Porto, Il-Portugal)

Talbiet

— tissospendi l-proċeduri sakemm tingħata d-deċiżjoni finali mill-Uffiċċju Portugiż tat-Trade marks dwar it-talba għarrevoka mressqa mir-rikorrenti kontra t-trade mark Portugiża preċedenti bir-reġistrazzjoni Nru 249791, Nru 249793 u Nru 254390; Fil-każ li t-talba għas-sospensjoni tal-proċeduri ma tiġix milqugħa, li l-proċeduri jitkomplew u li;

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-17 ta' Awwissu 2011 fil-Każ R 114/2011-4; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, kif ukoll dawk marbuta mal-appell.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark internazzjonali Nru W 983683 tat-trade mark figurattiva "real,-QUALITY", ta' lewn aħmar, blu u beige, għal servizzi fil-klass 36

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjla invokat insostenn tal-oppożizzjoni: il-parti l-oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell